# Krakow, Poland

## Grp A: 14 -18 ta' Ġunju
## Grp B: 03 -07 t'Awwissu
## Grp C: 04 – 08 t'Ottubru

## Krakow, Auschwitz- Birkenau, Wieliezka Salt Mines, Zakopane, Tatra Mountains

**L-Ewwel Jum**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl'04.00 għat titjira FR7142 għal Krakow li ttir fis-06.00 u naslu Krakow fid-08.40. Transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru ta' Krakow. Induru l-belt ta' **Krakow** mal-gwida tal-lokal biex naraw l-attrazzjonijiet prinċipali,fost oħrajn l-Old Town, ir- Royal Road, il-Kastell Wawel u l-Kazinierz (Old Jewish Quarter). Is-Sutheannice (clash hall), kif ukoll il-bażilika ta' Santa Maria fejn naraw il-famuż altar ta' Veit Stross. Nkomplu lejn il-Hotel BW Old Town li qeda fiċ-ċentru, sistemazzjoni tal-kmamar u wara ħarga mal-leader.

**It-Tieni Jum**
Skopri magħna l-ġmiel tal-Alpi tal-Polonja fejn se nżuru **Zakopane u Tatra Mountains**. Dawn il-muntanji jestendu mal-frutnieri ta' bejn il-Polonja u Slovakja u huma l-ogħla fost il-Carpathian Mountains. Zakopane huwa riżort magħruf ħafna għall-isking, fejn Sajf u Xitwa ikun hemm ħafna turisti jippassiġġaw fit-triq ewlenija Krupowski – triq mimlija cafes, ristoranti, boutiques u karozzelli bi żwiemal kbar u kuċċiera bil-kostum. Nagħmlu dawra madwar Zakopane u nżuru l-Knisja Moderna ddedikata lill-Madonna li hi rigal lill-Papa Gwanni Paolo II. Naraw djar u bini tal-injam tipiċi tal-post inżuru mużew żgħir tal-arti, min jixtieq jista jitla' bil-cable car (ħlas extra) biex jara veduta sabiħa tal-belt. Nirritornaw lura Krakow.

**It-Tielet Jum**
Eskurssjoni mill-iżjed interessanti għal-**Auschwitz-Birkenau**, fejn flimkien ser nesperjenzaw wieħed mill-aktar postijiet memorabbli fl-istorja tal-Ewropa moderna. Illum se nżuru l-kampijiet ta' konċentrament t'Auschwitz – Birkenau(dħul extra); memorja qarsa ta' żmien l-Holokawst fejn miljuni ta' nies tilfu ħajjithom. Hawn naraw id-death national memorials, ir-railway track u l-fdalijiet ta' mijiet ta' barracks. Filgħaxija mmorru għal drink

**Ir-Raba' Jum**
Wara li nieħdu l-buffet breakfast, nibdew il-vjaġġ tagħna ta' **Czestechova** – wieħed mill-akbar ċentri ta' Pellegrinaġġi Marjani. Matul is-sena jmorru mal- 5 miljun pellegrin u turist jaraw din ix-xbiegħa għażiża tal-Madonna is-Sewda, fis-Santwarju ta' Jansa Gora. Dan il-post hu wieħed mill-aktar monumenti mportanti għall-Pollakki. Inżuru wkoll il-Monasteru u l-Knisja Barrokka. Nirritornaw lura Krakow.

**Il-Ħames Jum**

Ħarġa ta' nofs ta' nhar lejn il-**Wieliczka Salt Mines**, magħrufa wkoll bħala the underground **Salt Cathedral of Poland** u l-aktar minjieri spettakolari fid-dinja. Flimkien mal-gwida tal-lokal inżuru l-minjieri fejn fiha nsibu diversi skulturi tal-melħ, kapelli żgħar fosthom waħda ddedikata lil Santa Kinga u kuruturi twal madwar 300 kilometru. Dawn il-minjieri huma wkoll imniżżla fil-UNESCO First World List of Cultural and Natural. Transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Krakow għat-titjira FR7115 li ttir fis-18.20 u naslu lura Malta fid-21.00

| Prezz kull Persuna<br>**(Eskursjonijiet u taxxi mħallsa)** | Prezz Skontat Gunju & Ottubru | Prezz Skontat Awwissu |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €820 | €860 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €835 | €875 |
| Kamra ta' persuna waħeda | €975 | €1015 |
| Tfal sa ħdax-il sena ma' żewġ adulti | €710 | €750 |

Prezz jinkludi:

- Titjira ma' Ryanair : Malta - Krakow – Malta
- 20 kilos luggage allowance
- Seat riservat
- 4 t'iljieli – Hotel BW Old Town 3 Star
- Buffet breakfast kontinentali
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (Entraturi mhux inkluzi)
- Taxxi u Service Charge
- Tour Leader
- Insolvency protection

